

**Brussell, 19 ta' Novembru 2019
(OR. en)**

**14055/1/19
REV 1**

**COMPET 736
MI 786
IND 289**

NOTA

| | |
|------------------|--|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 14055/19 |
| Suġġett: | Id-Dimensjoni Esterna tal-Kompetittività Ewropea |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota mill-Presidenza dwar id-Dimensjoni Esterna tal-Kompetittività Ewropea, bi tħejjija għall-Kunsill Kompetittività tat-28 ta' Novembru 2019.

Id-Dimensjoni Esterna tal-Kompetittività tal-UE***Kunsill Kompetittività (Suq Intern u Industrija)******28 ta' Novembru 2019***

1. L-UE, bħala ekonomija konnessa globalment u l-akbar żona ta' kummerċ ħieles fid-dinja, qed tiffaċċja għadd bla preċedent ta' sfidi ġodda u megatendenzi. Dawn ivarjaw minn tnaqqis fir-ritmu tal-kummerċ globali għal tfixkil diġitali u tibdil fil-klima. Barra minn hekk, minħabba l-bidliet reċenti fid-dinamiċi tal-potenzi l-kbar, ir-relazzjonijiet tal-UE mal-blokk kummerċjali ewlenin l-oħra, b'mod partikolari ċ-Ċina u l-Istati Uniti, saru aktar kumplessi. B'mod partikolari, in-nuqqas ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni huwa problema li l-UE għandha tindirizza b'mod effettiv.
2. Il-kapaċità li l-industriji u n-negozji Ewropej jikkompetu b'suċċess fis-swieq globali u l-aċċess tagħhom għal katini ta' valur globali huma l-prerekwiżiti ewlenin għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività tal-Ewropa. Għalhekk, għandna niżguraw li l-Ewropa ser tkun mexxej fit-teknoloġiji tal-futur, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà, u b'hekk taqdi wkoll l-awtonomija strateġika b'mod li jħares 'il quddiem. Dan jimplika wkoll li l-imġiba tal-industriji u n-negozji trid tkun ambjentalment u soċjalment responsabbli.
3. Hemm żewġ aspetti marbutin mal-kompetittività esterna tal-Ewropa. L-ewwel nett, jenħtieġ li niżguraw li jkollna swieq interni kompetittivi, il-kapaċità għall-innovazzjoni, ħiliet suffiċjenti, kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-swieq Ewropej u ambjent tan-negozju li jkun favorevoli biex il-kumpanniji jespandu u jattiraw l-investimenti. Dawn il-prerekwiżiti huma marbutin mill-qrib mal-politika Ewropea tat-tkabbir u mal-viżjonijiet ippreżentati fid-dokument tal-Presidenza Finlandiża: *Viżjoni għal Tkabbir Sostenibbli*. It-tieni nett, huwa kruċjali li globalment ikunu jistgħu jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-industriji u n-negozji Ewropej.

4. Dan id-dokument jiffoka l-aktar fuq l-aħħar aspekk tal-kompetittività esterna tal-UE, jiġifieri l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni globalment biex ikun possibbli li l-industriji u n-negozji Ewropej, inkluż l-SMEs, ikollhom aċċess għas-swieq globali, jimmassimizzaw il-ħolqien tal-valur tagħhom kif ukoll jappoġġaw il-ħolqien u l-iżvilupp tal-katini ta' valur u l-integrazzjoni tagħhom f'netwerks ta' ħolqien ta' valur globali.
5. Il-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-swieq globali jiġu affettwati ħafna minn dawn il-megatendenzi li ġejjin:
 - It-tibdil fil-klima u t-transizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima,
 - Id-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji ġodda kif ukoll l-implikazzjonijiet tagħhom fuq il-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, speċjalment fl-ekonomija tal-pjattaformi online,
 - Prattiki ta' distorsjoni tas-suq minn pajjiżi terzi li jipprovdu vantaġġi inġusti lill-kumpanniji tagħhom stess, bħal għajjuna mill-Istat u l-limitazzjoni tal-aċċess għas-suq għall-kumpanniji barranin.

It-tibdil fil-klima u t-transizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima

6. It-tibdil fil-klima għandu impatt enormi fuq l-ekonomija globali. Din hija sfida iżda għandha titqies ukoll bħala opportunità mill-perspettiva tal-kompetittività globali għall-Ewropa. F'ħafna każijiet, l-aktar entità li taġixxi malajr ikollha vantaġġ biex tiffurma u taħkem suq li qed jiżviluppa b'rata mgħaġġla. Għalhekk, l-UE għandha tiżviluppa pjan komprensiv u konsistenti għal kif jittieħed rwol bikri u ewlieni fis-swieq marbutin mat-transizzjoni għal ekonomija newtrali għall-klima.
7. Ser ikun hemm domanda għolja għal teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi newtrali għall-klima fis-swieq globali fil-futur qrib. L-Ewropa għandha tkun l-ewwel waħda li tintroduċi dawn it-teknoloġiji u tagħmel kull sforz biex tiżviluppa standards Ewropej li s-suq ser jadotta bħala standards globali. Dawn l-isforzi għandhom ikunu appoġġati minn investimenti privati u pubbliċi f'innovazzjonijiet u teknoloġiji kif ukoll minn regolamentazzjoni u standards li jħarsu 'l quddiem. Dan iwitti t-triq għal transizzjoni soċjalment u ekonomikament vijabbli u ġusta, li toħloq vantaġġ kompetittiv għall-industrija Ewropea nadifa.

Id-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji ġodda u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, speċjalment fis-suq tal-pjattaformi online

8. Sabiex jissaħħu l-produttività u l-kompetittività tagħha fis-swieq globali, jenħtieġ li l-UE tkun minn ta' quddiem fl-iżvilupp tal-ekonomija diġitali. Dan mhuwiex faċli peress li blokko kummerċjali ewlenin oħra jinsabu f'pożizzjoni aktar avvanzata mill-UE f'ħafna oqsma tan-negozju fl-iżvilupp u, b'mod partikolari, fil-kummerċjalizzazzjoni ta' diversi teknoloġiji u soluzzjonijiet diġitali kruċjali.
9. Dan japplika b'mod speċjali għall-ekonomija tal-pjattaformi online peress li numru żgħir ta' kumpanniji pjattaforma mhux Ewropej jiddominaw is-swieq globali kif ukoll dawk Ewropej. Il-pożizzjoni eċċessivament b'saħħitha tagħhom fis-suq, fil-biċċa l-kbira tagħha, hija bbażata fuq il-kapaċità tagħhom li jiġbru, jgħaqqdu u jirregolaw ammont vast ta' data b'tali mod li jkun jistgħu joffru tipi ta' servizzi kompletament ġodda għan-negozji u l-konsumaturi. Dan johlq ċiklu fejn dawn il-kumpanniji pjattaforma kbar isiru dejjem aktar dominanti u l-aċċess għas-suq tal-kompetituri jista' jixxekkel jew saħansitra jiġi impedit, jew fejn l-attivitajiet ta' negozji oħra f'numru ta' setturi jistgħu jsiru dipendenti ħafna fuq l-imġiba ta' dawn il-pjattaformi online kbar.
10. F'dan l-isfond, huwa importanti ferm li l-UE tkun kapaċi tintervjeni meta kumpanniji pjattaforma online kbar iġibu ruħhom b'mod dannuż meta dawn joperaw fis-swieq Ewropej. Għandna nkomplu nimmappjaw id-diversi tweġibiet ta' politika li permezz tagħhom il-kwistjoni tista' tiġi indirizzata u jekk dawn l-għodod ta' politika eżistenti humiex adattati għall-iskop tagħhom. Pereżempju, ir-regoli ta' kompetizzjoni rriżultaw effiċjenti u b'saħħithom fil-kontroll tal-imġiba fis-suq ta' ditti dominanti jew fil-projbizzjoni ta' fużjonijiet li huma ta' ħsara għall-kompetizzjoni fis-suq Ewropew. Għandu jkompli jiġi eżaminat jekk l-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE waħdu huwiex bizzżejjed biex jiġu indirizzati kwistjonijiet fl-ekonomija tal-pjattaformi diġitali. Barra minn hekk, ikun importanti li nesploraw jekk nistgħux noħorġu bi jew jekk hemmx il-ħtieġa għal għodod ta' politika ġodda possibbli biex isir intervent meta jkun hemm imġiba dannuża minn pjattaformi online sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-UE.

11. Id-data saret ass siewi għal ħafna kumpanniji u tiffirma l-bażi tal-attivitàjiet kummerċjali tagħhom. Barra minn hekk, kif diġà ssemma, il-kisba ta' pożizzjoni b'saħħitha fl-aċċess għad-data u fl-ipproċessar tad-data saret għodda effiċjenti biex jiġi ddominat is-suq. L-UE għandha tiżviluppa pjan direzzjonali komprensiv għall-ambjent regolatorju marbut mad-data kif ukoll l-użu u l-użu mill-ġdid ġusti u innovattivi tad-data biex jiġu massimizzati l-benefiċċji, pereżempju, marbutin mal-qsim tad-data u biex jiġi żgurat l-aċċess tal-SMEs għad-data. Dan għandu jinkludi ċarezza dwar liema assi tad-data huma meħtieġa, minn min, u għal liema għan li jiffavorixxi l-kompetizzjoni. Approċċ konsistenti u innovattiv għall-politika tad-data jista' jħaffef ukoll l-iżvilupp u l-adozzjoni tal-intelliġenza artifiċjali fl-UE.

Azzjonijiet ta' distorsjoni tas-suq minn ċerti pajjiżi terzi li jagħtu vantaġġi inġusti lill-kumpanniji tagħhom stess, bħal għajnuna mill-Istat u l-limitazzjoni tal-aċċess għas-suq għall-kumpanniji barranin

12. Ċerti pajjiżi terzi b'ħafna poter ekonomiku huma magħrufa li jinterferixxu b'mod attiv fil-funzjonament tas-swieq billi jipprovdu vantaġġi lill-kumpanniji tagħhom stess, li jfixxlu l-kompetizzjoni u l-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Dawn l-attivitàjiet jikkonsistu, pereżempju, f'sussidji mill-Istat jew ir-restrizzjoni tal-aċċess għas-suq għal kumpanniji barranin.
13. Din l-imġiba wasslet għal sitwazzjoni fejn l-UE jeħtieġ li tiegħu pożizzjoni aktar soda u tippromwovi b'mod proattiv l-interessi tal-kumpanniji tal-UE. L-aċċess miftuħ fil-kummerċ ibbażat fuq il-kompetizzjoni u innovazzjoni b'saħħitha għandu rwol ewlieni fl-appoġġ tat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Is-swieq miftuħa b'mod konsistenti rriżultaw aktar effiċjenti u reżiljenti għal kriżijiet minn ekonomiji b'ostakli u restrizzjonijiet kbar. Għalhekk, l-UE għandha tippromwovi b'mod attiv il-ħtieġa għal kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni kemm lokalment kif ukoll globalment u tkompli tħaddan l-aċċess miftuħ, it-trasparenza u sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli. Barra minn hekk, huma meħtieġa b'mod urġenti standards globali komuni dwar il-krediti għall-esportazzjoni. L-UE għandha tkompli tagħti spinta lill-proċess fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma Internazzjonali dwar il-Krediti tal-Esportazzjoni (IWG) bil-għan li jinkisbu r-rappurtar u t-trasparenza tal-krediti tal-esportazzjoni fuq il-livell ta' proġetti individwali.

14. Huwa evidenti li l-problemi globali ta' aċċess għas-swieq għandhom jiġu solvuti primarjament permezz tal-politika kummerċjali. Madankollu, jekk dan mhux possibbli minħabba n-nuqqas ta' rieda mill-parti l-oħra li ssolvi l-problema, għandna nkunu lesti nikkunsidraw mezzi oħra kif insaħħu l-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni biex tittejjeb il-kompetittività tal-UE għall-benefiċċju tal-industriji u n-negozji Ewropej. Dawn il-miżuri għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin: l-azzjonijiet jistgħu jiġu deċiżi u implimentati b'mod unilaterali mill-UE u ma jaffettwawx b'mod negattiv l-aċċess miftuħ għas-suq u l-funzjonament tas-suq Ewropew jew l-industriji u n-negozji Ewropej. Huwa importanti li jiġi nnotat li peress li dawn l-azzjonijiet jittieħdu b'mod unilaterali mill-UE, dawn ikopru biss prattiki inġusti li jfixklu l-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq Ewropew.
15. L-imġiba inġusta ta' ċerti pajjiżi u n-nuqqas ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni ġibdu ħafna attenzjoni u huma meqjusa bħala wieħed mill-ostakli ewlenin għall-kompetittività u t-tkabbir Ewropej. Ħafna Stati Membri diġà esprimew it-tħassib tagħhom dwar din is-sitwazzjoni diffiċli. Xi Stati Membri huma tal-opinjoni li jistgħu jerġgħu jinkisbu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni billi r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE jsiru aktar laxki biex jikkompetu fis-swieq globali. Min-naħa l-oħra, hemm Stati Membri li jenfasizzaw l-importanza ta' swieq miftuħa u kompetizzjoni qawwija fis-swieq Ewropej, li fl-aħħar mill-aħħar huma ta' benefiċċju għall-kumpanniji u l-konsumaturi Ewropej. Huma tal-fehma li kumpanniji minn pajjiżi terzi huma merħba fis-swieq Ewropej iżda għandhom ikunu soġġetti għall-istess regoli bħall-kumpanniji Ewropej. Il-kontributi tal-Istati Membri u r-raġunament li jirfed dawn il-kontributi huma siewja peress li jikkontribwixxu għal aktar diskussjonijiet.

16. L-UE għandha kull opportunità li tirnexxi fil-kompetizzjoni globali u li tiegħu postha bħala minn ta' quddiem fis-swieq globali u bħala difensur tal-kummerċ miftuħ. Madankollu, irridu nammettu li xi bidliet ġeopolitiċi jistgħu jkunu ta' natura permanenti u li l-UE għandha tkompli tkun proattiva u kapaċi tirreaġixxi malajr għall-bidliet reċenti u l-implikazzjonijiet ta' dawn il-bidliet. Dan jirrikjedi ħiliet ġodda kif ukoll investimenti fl-edukazzjoni, it-tagħlim kontinwu, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet. L-UE trid tibqa' magħquda u taġixxi b'mod deċiżiv biex tilqa' l-isfidi u tibdilhom f'suċċess.

Mistoqsija:

X'inhil l-aħjar taħlita ta' politiki u miżuri fi ħdan l-UE li permezz tagħha nistgħu niżguraw kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-kumpanniji tagħna?
